MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 252/2013

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

***kontra***

**RJ Attard & Company Limited, bhala debitur principali u Richard Attard u martu Tania Attard, bhala garanti solidali**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-<u>rikors guramentat</u> li kien prezentat fit-<u>13 ta` Marzu 2013</u> u jaqra hekk :-

*Illi l-Bank rikorrenti permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis li jgib id-data tal-wiehed u tletin (31) ta` Mejju tas-sena elf disa` mija u sitta u disghin (1996) li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" ikkonceda lis-socjeta` intimata R.J. Attard & Company Limited facilita` ta` self u in forza ta` din il-facilita` l-imsemmija socjeta` intimata ssellfet flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandha debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta` wiehed u erbghin elf, tlett mija hamsa u disghin punt disgha erbgha Ewro (€41,395.94) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sal-hamsa (5) ta` Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta` Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet il-hlas lura tal-imsemmi debitu permezz ta` ipoteka generali fuq hwejjigha kollha prezenti u futuri, kif ukoll l-intimati Richard Attard u martu Tania Attard iggarantew b`mod solidali l-hlas lura tal-imsemmi debitu permezz ta` ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri oltre ipoteka specjali fuq iz-zewgt idjar li jgibu n-numri wiehed u hamsin (51) u tnejn u hamsin (52) illum konvertiti f`dar wahda li ggib in-numru wiehed u hamsin (51) gewwa George Borg Olivier Street, San Giljan skont kif ahjar deskritti fl-imsemmi kuntratt ;*

*Illi l-intimati naqsu milli jaghmlu l-pagamenti akkont skont kif pattwit;*

*Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu, anke ufficjalment, skont ittra ufficjali li ggib id-data tas-sittax (16) ta` Novembru elfejn u tnax (2012) li kopja legali taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "C", l-intimati cahdu li ghandhom jaghtu l-ammont dovut permezz ta` ittra ufficjali li ggib id-data tat-tletin (30) ta` Novembru elfejn u tnax (2012) li kopja legali taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "D" u baqghu inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant, il-Bank rikorrenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq premessi :-*

*1) Tikkundanna lill-intimati kollha in solidum ihallsu lil Bank rikorrenti s-somma ta` wiehed u erbghin elf, tlett mija hamsa u disghin punt disgha erbgha Ewro (€41,395.94) skont "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sal-hamsa (5) ta` Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta` Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita` ta` self moghtija lis-socjeta` intimata R.J. Attard & Company Limited skont kif ahjar deskritt aktar 'il fuq.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tas-16 ta` Novembru 2012 u bl-imghaxijiet legali mis-6 ta` Marzu 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati kollha – id-diretturi tas-socjeta` intimata R.J. Attard & Company Limited huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom u l-intimati l-ohra Richard Attard u martu Tania Attard huma wkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-29 ta` Mejju 2013 li taqra hekk :–

*1. Illi t-talba dedotta mill-Bank rikorrent qed tigi kontestata in vista tal-fatt li ghandha tirrizulta nfondata kemm fattwalment u kif ukoll legalment ghar-ragunijiet li ser jigu hawn taht elaborati ahjar u kif ukoll sejjer jirrizulta waqt l-ismiegh ta` dan il-process ;*

*2. Illi preliminarjament u qabel xejn jigi rilevat li l-gudizzju ma hux integru in vista tal-fatt li ghandha wkoll tissejjah f`din il-kawza l-persuna ta` Herman Depasquale u dana peress illi bi ftehim ma` din il-persuna bil-konsapevolezza u accettazzjoni tal-istess Bank rikorrent ir-ripagamenti tas-self in kwistjoni kellhom u fil-fatt kienu qed jigu esegwiti minn din l-istess persuna ;*

*3. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jinghad li l-ammont mitlub f`din il-kawza ma hux veritjier in vista tal-fatt li, tenut kont tal-pagamenti maghmula u tenut kont tal-imghax legali semplici li seta` jigi mpost, ghandu jirrizulta li r-rimanenti bilanc huwa ferm anqas ;*

*4. Illi l-intimati ser ikunu f`pozizzjoni jelaboraw f`aktar dettal fuq il-kontenut tal-paragrafu precedenti meta u jekk jigi prezentat rendikont dettaljat tal-kont in kwistjoni. Bizzejjed wiehed jghid li mis-sena 1999 sallum, l-intimati baqghu qatt ma rcevew statements kompluti mill-Bank rikorrenti dwar il-qaghda tal-imsemmi kont ;*

*5. Illi l-intimati dejjem agixxew in buona fede mal-Bank rikorrenti tant illi kien hemm diversi facilitajiet bankarji ohra mal-istess Bank li thallsu lura kollha ghas-saldu tant illi l-istess gew maghluqa u ma fadal ebda pendenzi ohra hlief ghal odjern kont li qed jigi kontestat ghar-rigward il-kwantum erroneu tieghu li qed jigi mitlub ;*

*6. Illi fir-rigward tal-intimata Tania Attard, hija ma ghandha bl-ebda mod tigi kkundannata thallas kwalsiasi bilanc li jirrizulta peress illi skont il-kuntratt ta` separazzjoni taghha minn mal-intimat Richard Attard, kien dan tal-ahhar li kien dahal unikament responsabbli ghar-ripagamenti relattivi.*

*7. Illi l-fatti fuq esposti f`din ir-risposta guramentata huma maghrufa personalment mill-istess intimati.*

*Bl-ispejjez kontra l-Bank rikorrenti fejn id-dirigenti taghha qed jigu personalment ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Gunju 2013 fejn il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet illi qabel tipprocedi oltre, hija kienet sejra tisma` provi dwar it-tieni eccezzjoni ; barra minn hekk, idderigiet lill-konvenuti sabiex jibdew huma jressqu provi dwar dik l-eccezzjoni.

Semghet ix-xiehda ta` Kenneth Lanzon u Philip Saliba fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2013, u rat id-dokumenti li kienu prezentati f`dik l-udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` l-konvenut Richard Attard fl-udjenza tas-16 ta` Jannar 2014, u rat id-dokument li kien prezentat f`dik l-udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Hermann Depasquale fl-udjenza tal-4 ta` Frar 2014.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2014.

Semghet fl-istess udjenza s-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Sintesi tal-provi dwar it-tieni eccezzjoni</u>

**<u>Kenneth Lanzon</u>** xehed illi qabel irtira fl-2011 huwa kien il-Manager tal-Fergha ta` Sliema (dik ta` wara l-Hotel Preluna) tal-bank attur sa mill-2002. Il-Manager ta` qablu kien Ray Formosa. Kemm R J Attard and Company Limited kif ukoll Richard Attard kellhom kontijiet ta` self mas-Sliema Branch. Is-self kien *ghal working capital requirements partly related to the accountancy profession and party related to the insurance agency business* tal-kumpannija konvenuta. Irrefera ghal-*letter of renewal* Dok RB1 datata 12 ta` Dicembru 2005. Il-persuna li kienet izzomm kuntatt mal-bank ghal dik il-facilita` kien il-konvenut Richard Attard bhala ufficjal tal-kumpannija. Jiftakar illi Tania Attard li tigi l-mara ta` Richard Attard ma rieditx tkompli bhala garanti tal-kumpannija. Richard Attard kien ihallas id-debitu tal-kumpannija permezz ta` post-dated cheques ; uhud minn dawn ic-cheques kienu mahruga minn terzi bhal Kala Limited. Ic-cheques kienu jigu depozitati fil-kont. Ma eskludiex li setghu marru go xi kont iehor li kellu Richard Attard mal-bank. Il-consenus kien li c-cheques imorru biex jithallas id-dejn il-kbir li kien dak tal-kumpannija. Ma` Herman Depasquale ix-xhud jaf li tkellem bit-telefon. Pero` ma kellu l-ebda relazzjoni mal-bank fir-rigward tas-self in kwistjoni. Li sar jaf dwar Depasquale kien illi xi pagamenti li Richard Attard kien jaghmel lill-bank saru tramite Depasquale. Ghall-bank dik kienet kwistjoni interna bejn Attard u Depasquale li fiha l-bank ma kienx involut ghaliex ir-relazzjoni li kellu l-bank kienet ma` Attard u l-kumpannija tieghu. Ikkonferma li kien hemm zmien fejn il-post dated cheques ma baqghux jaslu l-bank u jiftakar lil Attard ighidlu li kien se javza lil Depasquale biex jibghat il-flus ghax dak

kien il-ftehim ta` bejn Attard u Depasquale. Eskluda li l-bank kien ukoll involut f`dak il-ftehim. Ix-xhud ipprezenta Dok RB2 li hija *renewal letter* ohra datata 31 ta` Dicembru 2007. Bhal Dok RB1, Dok RB2 kienet tirreferi ghall-facilita` bankarja.

Fil-**kontroezami** Lanzon stqarr li Tania Attard talbet lill-bank biex tkun mehlusa milli tkompli taghti garanzija fuq is-self billi kienet ghaddejja minn proceduri ta` separazzjoni personali minn zewgha Richard Attard. Il-bank ma accettax u lanqas ta waiver tal-ipoteka favur Tania Attard. Ikkonferma li Attard waqa` lura fil-pagamenti u l-bank l-ewwel kien tolleranti izda mbaghad beda jissikka. Kien hemm kuntatti verbali u anke skambju ta` emails – Dok RB3. Pero` Attard ma wasalx. Fit-3 ta` Marzu 2009 kien hemm *renewal letter* ohra simili ghat-tnejn ta` qabel bid-differenza li f`din l-ahhar l-ammont ta` *repayment* tnaqqas. Il-bank qatt ma talab lil Depasquale sabiex ikun garanti.

Fir-**riezami**, Lanzon ma setax ighid min iddecieda li bil-pagamenti li kien qed jaghmel Attard jinqatghu l-overdraft l-ewwel imbaghad il-loan.

**Philip Saliba** xehed illi huwa konsulent fil-Credit Support Services tal-bank attur. Fil-prattika x-xoghol tieghu huwa li jassikura li jithallas lura d-dejn li klijenti kellhom mal-bank. B`riferenza ghal Dok A, Saliba xehed illi dak kien ftehim ta` self li l-bank ta lil R J Attard and Company Limited. Il-garanti tas-self kienu l-konjugi Richard u Tania Attard. Il-ftehim qatt ma nbidel fis-sens li ma dahlux terzi bhala garanti flimkien jew minflok dawk originali. Herman Depasquale ma kellu x`jaqsam xejn ma` dak il-kont. Meta jkun hemm aktar minn self wiehed jew overdraft, u jsiru pagamenti, il-prassi tal-bank kienet illi l-pagamenti jmorru fl-izghar kont bhala ammont. Fil-kaz ta` Attard, l-izghar kont kien l-overdraft. Dan thallas kollu u l-pendenza kienet tirrigwarda l-loan account ; infatti l-kawza tirrigwarda dan il-kont biss. Ikkonferma li fil-kont in kwistjoni ma dahlux terzi ghall-konjugi Attard jew il-kumpannija taghhom.

Fil-**kontroezami**, Saliba ma eskludiex illi l-prassi tal-bank meta jsiru hlasijiet kien illi jakkredita l-kont li jkun *unsecured.*

**Il-konvenut Richard Attard** xehed illi huwa u l-mara tieghu kienu l-azzjonisti u diretturi ta` R J Attard and Company Limited, li hija kumpannija tal-accounting u konsulenzi. Di professjoni huwa kien awditur. Il-kumpannija saret ghall-fini ta` invoicing ghaliex l-audits ma jsirux minn kumpannija izda minn persuna fisika registrata mad-Dipartiment tal-Finanzi. Aktar max-xoghol beda jikber sar partnership ma` Herman Depasquale fejn mill-operat Attard kellu jdahhal 52% tal-operat u Depasquale jiehu l-bqija. Aktar tard dahal ukoll Edwin Engerer bhala junior partner li beda jaqsam ma` Depasquale mit-48% li kienu ta` Depasquale bit-52% tieghu jibqghu li kienu. L-ishma fil-kumpannija baqghu tieghu u tal-mara tieghu. Ix-xoghol tal-partnership beda sejjer hazin. Huwa rtira mill-partnership wara li ftiehem ma` Depasquale li jibqa` jhallas il-committments li l-kumpannija kellha mal-bank attur u banek ohra li taghha Attard u l-mara kienu garanti. Depasquale beda jhallas hu. Il-pendenzi mal-Lombard thallsu kollha hlief ghall-kont mertu ta` din il-kawza. Meta kien jaqa` lura fil-pagamenti, lill-Manager tal-Lombard kien ighidlu li kien se jhallas Depasquale. Ghalkemm Kenneth Lanzon kien jaf bl-arrangament li kien hemm bejn Attard u Depasquale, Lanzon ghamilha cara lil Attard li l-bank ma kellux x`jaqsam ma` dak l-arrangament. Ir-relazzjoni kontrattwali baqghet dejjem mieghu mhux ma` Depasquale.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut ikkonferma li l-bank qatt ma ried jisma` bl-arrangament jew ftehim li Attard kellu ma` Depasquale.

**Herman Depasquale** xehed illi huwa accountant u awditur. Sar partner ta` Richard Attard fl-1993 fix-xoghol ta` audits. Kien shab ma` Attard fid-ditta Richard Attard & Co mhux fil-kumpannija R J Attard and Company Limited. Qatt ma kien azzjonista jew direttur tal-kumpannija. Lanqas kien involut fit-tmexxija taghha. Il-partnership u l-kumpannija kienu jiffatturaw separatament. Il-ftehim bejn Attard u hu kien li l-ewwel Lm 1,000 li dahhal il-partnership imorru favur il-kumpannija. Fil-bidu ma kienx jidhol fi kwistjonijiet ta` dejn li kellha l-kumpannija. Imbaghad fl-2006 beda jiehu hsieb il-hlasijiet ta` liabilities li l-kumpannija kellha ma` terzi. Beda jhallas hu mill-flus tad-ditta Lm 100 fil-gimgha lill-kredituri tal-kumpannija fosthom il-bank attur. Baqa` jhallas lill-bank attur sakemm inqata` l-bilanc li kien dovut. In segwitu Attard sab li kien hemm loan account li ma kienx thallas. Huwa mar il-bank ma` Attard u l-mara tieghu u ltaqghu ma` Kenneth Lanzon. Wara dik il-laqgha, mill-bank baghtu l-istatements tal-kont. Id-debitur kienet il-kumpannija. Minn dak il-kont huwa ma hallas xejn. Huwa hallas lil Lombard permezz ta` post-dated cheques. Il-pagamenti kienu jmorru ghand Kenneth Lanzon fis-Sliema Branch. Qabel ma beda jhallas hu, il-

pagamenti lill-bank kien jaghmilhom Attard mill-kont tal-partnership. Huwa ghamel l-istess ; hallas mill-flus tal-partnership id-dejn tal-kumpannija.

Fil-**kontroezami**, Depasquale xehed illi huwa ma ffirma l-ebda ftehim ta` self ma` Lombard. Ma kellu x`jaqsam xejn mas-sanction letter li hareg il-bank.

**Ikkunsidrat :**

**III. Rizultanzi**

Fit-trattazzjoni finali tat-tieni eccezzjoni, id-difensur tal-konvenuti ghamilha car hafna illi b`dik l-eccezzjoni, il-konvenuti ma kienux qeghdin jeccepixxu li ladarba rrizulta li Herman Depasquale hallas favur il-bank attur pagamenti li kienu dovuti mill-kumpannija konvenuta allura kien hemm novazzjoni tal-obbligazzjoni. Lanqas ma kienu qeghdin ighidu illi l-konvenuti ma kienux il-legittimi kontradditturi tal-bank attur. Li kienu qeghdin isostnu b`dik l-eccezzjoni kien illi l-process attwali tal-kawza tal-lum ma kienx integru ghaliex Herman Depasquale kellu jkun imharrek fil-kawza wkoll - ghalhekk talbu l-kjamata fil-kawza tieghu - ghaliex il-pagamenti li kien qed jaghmel kienu accettati mill-bank attur, li kien a konoxxenza tal-ftehim li kien hemm bejn il-konvenuti u Depasquale.

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Dicemmbru 2001 fil-kawza "**L-Av. Dr. Eric Mamo et vs Cheryl Wismayer et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk dwar l-istitut tal-kjamata fil-kawza :-

*Illi s-sejha fil-kawza ta' terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet ohrajn hija regolata fil-ligi tal-procedura bl-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak l-artikolu jghid li tali sejha tista' ssir kemm fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet u kif ukoll minghajr dik it-talba ;*

*Illi, madankollu, l-kliem semplici ta' dak l-artikolu, ma jurix il-qafas li dan l-istitut tnissel fih u li, matul il-medda tas-snin, ta lok ghal ghadd ta` principji li l-qrati taghna taw bosta decizjonijiet dwarhom ;*

*Illi l-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b'differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f'dik il-kawza jista' jin]eles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza saret mill-bidunett kontrih ;*

*Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta` kawzi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistghu jitqeghdu f'gudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom. Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta' l-istitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncett fondamentali ta' interess tal-parti li toqghod f`gudizzju ;*

*Illi, kif inghad,  il-Qrati taghna stabbilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawza jmissha tigi meqjusa, u, b'mod partikolari, f'liema cirkostanzi ghandha tintlaqa' talba ghal tali sejha u, b`mod izjed siewi, meta m`ghandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa' talba bhal din ;*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha  tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f'persuna biex minnu tista' tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni ;*

*Illi, madankollu, is-sejha fil-kawza m`ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin, jew ikunu gew imharrkin …*

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawza ssir mill-parti mharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, din it-talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawza.  Ghal xi zmien kien jinghad li ma ghandhiex tigi milqugha talba ghas-sejha fil-kawza min-naha tal-attur meta dan seta' jew suppost li kien jaf bl-ezistenza jew l-interess ta' persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu harrek sa mill-bidu. Izda llum jidher li t-tifsira vera ta' dan il-punt thares izjed lejn il-kwestjoni tal-interess [guridiku tal-*

*imsejjah] milli lejn l-gharfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawza) dwar kull min seta' kellu interess : u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejha fil-kawza ma tintuzax biex jiddahhal fil-kawza mharrek iehor flimkien mal-imharrek originali li ma messu tharrek qatt ;*

Fis-sentenza saret riferenza ghal din il-gurisprudenza :- P.A. 26.2.1935 **Cassar vs Ciantar noe et** (Kollez. Vol: XXIX.ii.359) ; P.A. 31.5.1954 : **Buick noe vs Agius et** (Kollez. Vol: XXXVIII.490) ; App. Civ. 26.10.1937 : **Cassar vs Mirabelli et** (Kollez. Vol: XXIX.i.1107) ; App. Civ. 23.11.1898 : **Stepton vs Spiteri** (Kollez. Vol: XVI.i.117) ; P.A. 29.10.1935 : **Libreri vs Staines noe** (Kollez. Vol: XXIX.ii.706) ; P.A. 6.2.1962 : **Tabone noe vs Magri** (Kollez. Vol: XLVI.ii.561) ; App. Kumm. 19.5.1995 : **P. Wismayer et vs C. Wismayer et** ; App. Civ.: 14.1.1938 : **Captur vs Felice** (Kollez. Vol: XXX.i.1)

P.A. JSP 4.5.1992 **: Jean Depasquale noe vs David Jones** ; P.A. JSP 16.3.1993 : **Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imhallef Carmelo Schembri et** ; u App. Civ. 26.4.1971 : **Vincenzina Cassar vs Anthony Vella.**

Wara li hadet kont ta` l-argumenti li gabu l-konvenuti in sostenn tat-tieni eccezzjoni, wara li qieset il-provi akkwiziti, u wara kkostatat l-istat tad-dritt u tal-gurisprudenza, il-Qorti tirrileva dan li gej :-

1) Mhijiex kondiviza l-fehma tal-konvenuti li l-procediment tal-lum mhuwiex integru ghaliex Herman Depasquale mhuwiex parti wkoll fil-kawza. Bil-maqlub ghal dak li jahsbu l-konvenuti, il-process huwa ntegru ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2) Il-konvenuti qeghdin jitolbu l-kjamata fil-kawza ta` Herman Depasquale fil-kwalita` personali tieghu. Huwa principju ewlieni tad-dritt li kemm min jipproponi azzjoni, kif ukoll min jiddefendi ruhu kontra dik l-azzjoni, irid ikollu interess li l-ligi tesigi li jkun (a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; (b) dirett u personali : fis-sens li jkun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur ; (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dirett legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur. (ara "**Muscat vs Buttigieg**" : Kollez. Vol. LXXIV.II.481). Ghal din il-Qorti fil-kaz ta` Herman Depasquale huma certament karenti l-elementi (b).

3) Il-kawza tal-lum tittratta dwar *loan account* li l-kumpannija konvenuta kellha mal-bank attur. Ghall-fini ta` t-tieni eccezzjoni, huwa ghal kollox irrilevanti jekk setax jew jekk ghamilx tajjeb il-bank li mill-pagamenti li kien jircievi kien jaqta` mid-dejn l-aktar gholi (kif stqarr Kenneth Lanzon) jew mid-dejn l-aktar baxx (kif xehed bil-maqlub Philip Saliba). Ghall-fini tat-tieni eccezzjoni, rilevanti tassew huwa li d-debitur tal-*loan account* kienet il-kumpannija konvenuta, u l-garanti ta` dak il-loan account kienu z-zewg konvenuti l-ohra. Hekk kienet is-sitwazzjoni fil-bidu u hekk baqghet anke in segwitu. Herman Depasquale ma jinkwadra mkien fil-konkluzjoni ta` dak is-self - la f`ismu personali u lanqas ghal haddiehor.

4) Jirrizulta li l-bank attur kien jaccetta li jithallas lura s-self permezz ta` *post-dated cheques*. Ghall-fini tat-tieni eccezzjoni, huwa rrilevanti li min johrog il-flus. Infatti l-istatements bil-hlasijiet kienu johorgu dejjem f`isem il-kumpannija konvenuta ndipendentement min kien ihallas. U l-konvenuti accettaw minghajr riserva dak l-istat ta` fatt.

5) Irrizulta li bejn Richard Attard u Herman Depasquale kien hemm ftehim fis-sens illi hekk kif Depasquale ssieheb fid-ditta Richard Attard & Co (mhux fil-kumpannija konvenuta) kellu jhallas ratealment id-dejn li l-kumpannija konvenuta kellha ma` kredituri taghha fosthom Lombard Bank. Jekk dak kien il-kaz, u Depasquale beda jhallas mill-flus tad-ditta (mhux mill-flus personali tieghu) u ghal xi raguni mhux ben cara hallas djun ohra izda mhux il-*loan account*, ma jirrendix lill-bank attur kompartecipi fil-ftehim ta` bejn Attard u Depasquale. Dak il-ftehim kien *res inter alios acta* bejn Attard u Depasquale, u b`ebda mod ma kien jorbot lill-bank attur. Il-fatt li l-bank attur seta` kien jaf li xi pagamenti ma kienux qeghdin isiru direttament mill-konvenuti izda mid-ditta tramite Depasquale ma jaghtix lil Depasquale jew lid-ditta l-libsa tal-interess rikjest mil-ligi biex iwiegeb ghall-azzjoni attrici.

6) Irrizulta mill-provi nkluz mid-dokumenti esebiti illi fir-rigward tal-*loan account* in kwistjoni r-relazzjoni kontrattwali baqghet cirkoskritta ghall-partijiet fil-kawza, inkluz fejn si tratta tal-ipoteki, u qatt ma kienet estiza ghal haddiehor inkluz Depasquale kemm de proprio kif ukoll ghad-ditta Richard Attard & Co. Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Frar 2000 fil-kawza "**Carmelo Mamo vs Brian Abela noe**" il-Qorti tal-Appell qalet :-

*Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li l-istitut tal-kjamata fil-kawza hu intiz 'per integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso' ("Zahra vs Scicluna" - Q.K. 21 ta' Jannar 1919). Jekk allura jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma dan ma ghandu ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-*

*legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, din l-Qorti ma tarax kif tista' l-azzjoni tregi fil-konfront tieghu.*

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, spejjez ghall-konvenuti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-provi fil-mertu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------